MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 123/2003

**Eucharist Sultana**

**vs**

**Carmel Muscat**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' erba' mija u erbghin lira Maltin (Lm440) dovuti minnek lill-attur bhala hlas ta' xoghol ta' brix u xoghol ta' tikhil u tibjid fuq il-hitan esterni fuq il-post fi Triq ta' Wara s-Sur, proprjeta' ta' Freddie Fiteni.

Bl-interessi fuq din is-somma b'effett mid-data ta' meta sar ix-xoghol sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Ottubru 2003.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah."

Ra r-risposta:

1. It-talbiet ta' l-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante li l-attur thallas dak kollu dovut lilu mill-konvenut ghal diversi xogholijiet li kienu jaghmlu flimkien.

2. Illi l-ghodda u l-ispejjes kollha fix-xoghol li kien sar bi shab bejn l-attur u l-konvenut dejjem gew provduti u thallsu mill-konvenut u l-attur ghalkemm kien jaf bihom u ipprometta li jhallas, qatt ma hareg xejn.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Ra l-kontrotalba:

"Inti Eucharist Sultana tigi kkundannat thallas lil Carmel Muscat is-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500) dovuti lilu ghall-ghodda kollha provduta minnu u spejjes li saru minnu ghal xoghol li kontu taghmlu bi shab."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Jirrizulta li l-partijiet kienu jaghmlu xoghol ta' bajjad bi shab bejniethom u wara kull bicca xoghol li ghamlu qatghu u ssaldaw il-kontijiet bejniethom. It-talba attrici tirrigwarda l-ahhar bicca xoghol li ghamlu flimkien li kienet fuq inkariku ta' certu Alfred Fiteni.

Is-soltu, l-partijiet kienu jissubappaltaw lil terzi biex jaghmlu x-xoghol tal-brix, izda f'dan il-kaz l-attur esegwixxa x-xoghol ta' brix hu u kien hemm qbil bejn il-partijiet li ta' dan ix-xoghol huwa kellu jithallas LM240. It-

talba tal-attur  tikkonsisti f'LM240 ghal dan ix-xoghol u LM200 bilanc ta' sehemu bhala mxierek tal-konvenut fix-xoghol lilhom appaltat; totali LM440.

L-attur xehed u spjega kif kellu jiehu dan l-ammont.

Il-konvenut kien pjuttost konfusjonarju fix-xhieda tieghu. L-ewwel qal li l-prezz totali li hallas il-kommittent Fiteni kien ta' LM2,600; imbaghad qal li l-prezz kien LM2,400 (fol  52).  Qal li lill-attur kien tah LM1,200 izda mbaghad ikkorega ruhu u qal li ma jafx kemm kien tah.  Imbaghad qal li tah LM800 zgur.  Ricevuti ma kellux.  Pero' kkonferma li kien ghad fadallu jaghti lill-attur 'il fuq minn LM400:  *jien kien ghad baqaghli, kien ghad baqaghli naghti xi haga fuq erba' mija (400)* (ara fol 44).

Il-konvenut ghamel kontro-talba ghas-somma ta' hames mitt lira (LM500) dovuta, skond hu, ghall-ghodda kollha minnu provduta u spejjez minnu nkorsi fix-xoghol li kienu jaghmlu bi shab.  Kif inhi kkonfezzjonata din il-kontro-talba, u anke mill-mod kif xehed il-konvenut jidher li qieghed jitlob kumpens mhux biss ghall-progett ikkummissjonat minn Fiteni imma wkoll ghall-progetti precedenti, ghal liema progetti l-kontijiet kienu jigu ssaldati kull darba li jintemmu (fol 48) u ghalhekk il-konvenut issa huwa prekluz milli  jitlob kumpens ghalihom.  Dan apparti li l-konvenut bl-ebda mod ma wera kif wasal ghas-somma ta' LM500 minnu mitluba; kif inhu maghruf,  min jallega jrid jipprova.

Irrizulta minn dak li qal il-konvenut stess li fil-fatt kemm hu kif ukoll l-attur ikkontribwew l-ghodda; ghalkemm il-konvenut jidher li kien jikkontribwixxi xi ftit iktar.  Il-konvenut semma li huwa kien juza dejjem it-trakk tieghu biex jintrema l-materjal; u nefaq LM38 biex sewwa s-sander u  LM80 biex xtara braze.  Dawn it-tnejn kienu u baqghu proprjeta' tal-istess konvenut izda jidher li s-sander gratlu l-hsara waqt ix-xoghol filwaqt li l-braze il-qadim ukoll thassar bl-istrapazz tax-xoghol; l-attur mid-dehra ma forniex makkinarju simili.  Arbitrio boni viri, ghalhekk it-Tribunal qieghed jillikwida s-somma ta' LM80 ghal dawn l-ispejjez.

Minn LM200 bilanc tad-dhul dovuti lill-attur ghalhekk jitnaqqsu LM40 nofs l-ispejjez .

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddisponi mit-talba u l-kontrotalba billi jilqa' t-talba tal-attur ghall-hlas ta' LM240 ghax-xoghol ta' brix filwaqt li jilqa' t-talba ghal xoghol li sar bi shab mal-konvenut limitatament ghas-somma ta' LM160 u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM400 bl-imghax legali mid-data li fih sar ix-xoghol sad-data tal-eventwali hlas effettiv. u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interprellatorja tal-15 t' Ottubru 2003 a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------